# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Daniele Borg**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Daniele Borg** bin George u Mary neè Ebejer, imwieled nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992), detentur tal-karta tal-identità numru 16193(M), u joqghod "The Cape Residence", Block 13, Maisonette 15, Triq Patri Indri Schembri, Luqa:

Talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-21 ta' Marzu 2015 u fil-granet ta' qabel laqa' ghandu hwejjeg misruqa, u cioè musmar tal-kostruzzjoni, (ta' valur ta' izjed minn €2,329.37) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjenteament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li l-Ezami tal-Imputat skont l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali u d-dikjarazzjoni tieghu li ma kienx hati.[1]

Rat id-dikjarazzjoni tal-Imputat li permezz taghha rrifjuta l-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu.[2]

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fid-9 ta' Ottubru 2015 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja skont l-Artikolu 370 (3) (b) u (c) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)[3].

Rat id-dikjarazzjoni tal-Imputat li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb[4]

Rat il-procès-verbal (Dok. SF) redatt mill-Magistrat Dr Doreen Clarke u pprezentat lil din l-Qorti mill-Prosekuzzjoni nhar it-23 ta' Marzu 2018[5].

Rat il-fedina tal-Imputat li hija wahda netta[6].

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Semghet lill-Imputat jiddikjara li ma kienx ser jixhed[7].

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jittrattaw il-kaz.

IKKUNSIDRAT:

Il-Fatti fil-qosor tal-kaz in dizamina:

Dan il-kaz imur lura ghall-20 ta' Marzu 2015 meta Nicholas Farrugia ghamel rapport mal-Pulizija Ezekuttiva li kien insteraqlu l-martell (musmar) tal-marka "Furukawa" ta' Excavator CAT 302-5 li kien ipparkeggjat fuq sit ta' skavar fi Triq Lapsi, is-Siggiewi. Dan il-martell ("musmar") kellu l-valur ta' ghaxart elef Euro (€10,000)[8]. Sid il-martell seta' jaghraf il-martell peress li huwa kien biddel il-bolts tal-martell u ghamel bhalhom fuq it-torn u fuq in-naha ta' fuq flok it-toqba ghamel

[1] A fol.6
[2] A fol. 7
[3] A fol. 79
[4] A fol. 80
[5] A fol. 120
[6] A fol. 11
[7] A Fol. 123
[8] A Fol. 15 tal-atti tal-inkjesta – rapport tal-Perit inkargat

qasma bil-grinder biex ikun jista' juza tornavit flok Allen key. Saret inkjesta u l-procès verbal flimkien mad-dokumenti kollha inkluz ritratti tas-sit fejn sehhet is-serqa u l-ingenji koncernati kif ukoll filmati mehuda minn apparat tas-CCTV mehuda minn stabbilimenti fl-inhawi. Nicholas Farrugia kien rega' kkomunika mal-Pulizija Ezekuttiva u qalilhom li kien qieghed isegwi lill-Intimat bil-vettura tieghu u dderigihom lejn l-irziezet li insabu vicin id-Dar tal-Providenza. Meta l-Pulizija waslu fuq il-post indikat flimkien ma' Nicholas Farrugia, huma sabu lill-Imputat fil-vettura tieghu thares 'il barra u barra l-vettura kien hemm huh Christian Borg u Anthony Axisa. Il-Pulizija fil-prezenza tal-Imputat u huh sid dak ir-razzett ghamlu tfittxija u f'wahda mill-kmamar taht karti mqatta' u rombli tat-tiben sabu l-martell ("musmar"). L-Inkjesta Magisterjali nghalqet minnufih meta l-Pulizija Ezekuttiva infurmaw lill-Magistrat Inkwirenti li kienu arrestaw lill-Imputat u kienu ser jingiebu akkuzi kontra tieghu. Minn ezami tal-Procès Verbal, l-inkjesta ma estendietx lejn is-sit fejn instab il-martell ("musmar") u peress li l-inkjesta inghalqet.

<u>Xhieda</u>:

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fix-xiehda guramentata tieghu, il-kwerelant Nicholas Farrugia qal li huwa kien jahdem ta' kuntrattur fuq xogholijiet inkluz dawk ta' bankini. Huwa qal li fid-19 ta' Marzu 2015 kien xoghol sa nofsinhar. L-ghada, l-20 ta' Marzu 2015, ghall-habta ta' nofs inhar, huwa rritorna fuq is-sit fejn kien qieghed isir ix-xoghol halli jkompli. Huwa sab li l-musmar tal-kostruzzjoni de quo nieqes minn mal-gaffa. Huwa qal li l-gaffa bil-musmar kien halliha fi Triq Lapsi, is-Siggiewi. Huwa mar jaghmel rapport ghand il-Pulizija Ezekuttiva. Fuq mistoqsija minn din l-Onorabbli Qorti diversament ippresjeduta, ix-xhud qal li kien xtara l-musmar bil-prezz wahdu ta' erbat elef Lira maltija li llum huwa ekwivalenti ghal disat elef tliet mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49). Ix-xhud qal li l-ghada kien ircieva telefonata u kien gie nfurmat li l-musmar kien qieghed ghand Daniel Borg li huwa kien jaf peress li fil-passat ix-xhud kien jahdem fir-razzett ma' missier l-Imputat. Huwa gharaf lill-Imputat fl-awla. Huwa qal li mar jaghmel rapport iehor dwar dan u f'hin minnhom kien lemah lill-Imputat ghaddej fil-bypass tas-Siggiewi jsuq vann bin-numru tar-registrazzjoni IAZ – 345. Huwa cempel lill-Pulizija bl-iskop li jindikalhom x'suspetti kellu. Ix-xhud qal li wassal lill-Pulizija sa fejn kien baqa' sejjer l-Imputat, jigifieri go razzett San Niklaw. Ix-xhud qal li minn hekk ma

kienx jaf x'gara peress li huwa baqa' barra r-razzett meta dahlu l-Pulizija. Ix-xhud qal li sussegwentement kienu kellmuh il-Pulizija biex imur jidentifika l-musmar li kien naqas. Huwa mar u identifikah. Ix-xhud spjega lil din l-Onorabbli Qorti kif kien gharaf il-musmar: "*... [i]dentifikajtu mill-boldijiet ta' fuq, il-boldijiet ta' fuq naghmilhom jiena, itwal, hemm tar-raguni li hi li meta tixrih gdid, ikun bl-elenkin u jiswa l-flus u jiena biex niffranka xi haga naghmilhom jiena. U peress li jkolli bzonn naqbdu b'xi haga, ntih daqqa ta' chaser, ta' grider fuq. U minn hemm hekk jintgharaf ghax mhux xi haga normali.*"[9]

Xehdet bil-gurament l-Ispettur Kylie Borg li nhar l-20 ta' Marzu 2015 l-ghassa ta' Haz Zebbug kien dahlilhom rapport minghand Nicholas Farrugia li kien sab musmar tal-excavator tieghu nieqes. Infethet inkjesta. Ix-xhud qalet li l-ghada hija kienet irceviet telefonata minghand Nicholas Farrugia li rraportatilha "*… li kellu nformazzjoni illi dan il-musmar partikolari jista' jkun li kien qieghed ghand certu Daniel Borg, maghruf bhala r-Ruman, u kien qalli li x'aktarx qieghed ghandu. Iktar tard matul il-gurnata, fil-fatt kien rega' cempel is-Sur Farrugia gewwa l-Ghassa, u kien informa lill-Pulizija illi huwa kien qed isegwi lil Daniele Borg, b'vann abjad, u kien qalilna li kien sejjer lejn id-direzzjoni tas-Siggiewi. Huwa kien qalilna li kien qed jissuspetta li l-musmar kien effettivament kien qieghed f'dan il-vann li kien qed isuq Daniele Borg.*" Ix-xhud qalet li hi u PS 297 kien marru mill-ghassa ta' Haz Zebbug u marru fejn kien indikalhom Nicholas Farrugia. "*U quddiem ezattament id-Dar tal-Providenza fis-Siggiewi, ltqajna mas-Sur Farrugia u kien indikalna l-irziezet ta' quddiem id-Dar tal-Providenza. Ahna morna nfittxu hemm hekk, dhalna lejn in-naha tal-left, dhalna lejn in-naha tar-right, ta' dawn l-irziezet ghax hemm diversi, u wara ftit hin sibna fil-fatt lil Daniele Borg, kien qieghed bilqeghda fil-vettura tieghu. Il-vettura tieghu kienet thares lejn il-barra, lejn il-bieb ta' barra tar-razett, u kien qed jitkellem ma' huh, certu Christian Borg, kif ukoll ma' persuna ohra. Ahna ghamilna tfixxija dak il-hin fil-vann, fejn ma rrizulta xejn.*" Ix-xhud qalet li hija nfurmat lill-Imputat u lil huh, Christian Borg, dwar is-suspetti li kellha u saret tfittxija fuq proprjeta li kienet imdaqqsa mhux hazin. Ix-xhud qalet li: "*... u fil-fatt il-Pulizija sabet dan il-musmar, mohbi gewwa kamra l-gewwa fir-razzett. Kienet kamra mdaqsa, kellha hafna karti mqattghin zghar, karti li jintuzaw ghal taht il-bhejjem. Effettivament, il-musmar instab taht dawn il-karti zghar, u din il-kamra kellha t-tiben mal-faccata. Kellha t-tiben mal-genb, u kellha ftit balal tiben zghar li kienu qieghdin fuq dan il-musmar. Kienu qeghdin jghattu wkoll dan il-musmar. Meta caqlaqna dawn it-tiben, dawn il-balal tat-tiben, sibna*

[9] A fol. 34

*l-musmar mohbi taht dawn it-tiben u l-karti.*" Ix-xhud qalet li l-Pulizija arrestat lil Daniele u Christian ahwa Borg. Christian Borg kien il-proprjetarju tar-razzett. Ittiehdu l-istqarrijiet. Filwaqt li Christian Borg kien gie rilaxxat, Daniele Borg kien ta risposti minimi hafna u kien cahad l-involviment tieghu tas-serqa jew receitazzjoni tal-musmar de quo. Wara kien tressaq quddiem il-Qorti. Fil-kontro-ezami taghha waqt is-seduta tal-21 ta' Gunju 2017, hija qalet li kienet mexxiet il-kazi fil-konfront ta' Alan Azzopardi u Henry Grogan u inghataw sentenzi kull wiehed, wahda minnhom kinet giet appellata mill-Avukat Generali[10]. Hija qalet li "*... fil-fatt kienu tressqu zewg persuni bis-serq ta' dan il-musmar tal-construction u l-imputat qieghed hawnhekk fuq charges ta' ricettazzjoni tal-istess musmar.[11]"* Kopji awtentikati ta' dawn iz-zewg sentenzi gew ipprezentati waqt l-istess seduta.[12] In kontro-ezami l-Ispettur Kylie Borg wiegbet li hija kienet rat il-musmar de quo u qalet li "*Qisu gholi ta' l-bank illi qieghda fuqu l-Magistrat jigifieri l-bank ta' awla 2.[13]"* Il-musmar hu tal-hadid u "*… jingarr iva minn bniedem wiehed ghax jiena fil-fatt meta gew il-Pulizija, is-Surgent li kien sabu kien refghu wahdu. ... persuna li ghada zghira u ghad ghandha ghal grazzja ta' Alla s-sahha tista' terfghu bhal ma ghamel is-Surgent.[14]"* Il-musmar sa dak inhar kien gie ritornat lil sidu.

Xehed bil-gurament PS297 Taddeo Baldacchino u esebixxa r-Rapport immarkat Dok. TB[15]. Inter alia, x-xhud qal li fit-tfittxija li kienu ghamel mal-Ispettur Kylie Borg, kien "*Irrizulta li f'garaxx kbir, taht karti li jintuzaw ghal taht il-bhejjem, kien hemm dan l-imsemmi musmar.*" Meta saret it-tfittxija, ix-xhud qal li huwa kien jaf x'tip ta' ghodda kienu qed ifittxu. Ix-xhud qal li meta kellmu Nicholas Farrugia kien qallu li "*fil-vann, kien hemm erbgha (4) balal tat-tiben, u dawn l-erbgha (4) balal tat-tiben, sibthom fejn il-musmar.*" Waqt il-kontro ezami tieghu, ix-xhud wiegeb li dawk l-erba' balal tat-tiben kien hemm u li z-zewg garaxxijiet kienu miftuha. Ix-xhud ikkonferma li l-musmar hu tqil u persuna wahidha ma ggorrux u izda huwa kien jahseb li persuna wahidha tista' tkaxkru. Waqt il-kontro-ezami tieghu[16], ix-xhud qal li l-Pulizija ma kinitx qieghda ssegwi l-vann tal-Imputat. Is-sid tal-musmar kien qal lix-xhud li l-ganc kien ta' lewn blu u bl-abjad u kellu erba' ballal tiben mohbijin. Ma qallux jekk

---

[10] A fol. 107
[11] A fol. 108
[12] A fol. 109 sa 115
[13] A fol. 133
[14] ibid
[15] A fol. 58
[16] A fol. 92

kellux xi marka minquxa fuqu.  Huwa qal li l-garaxxijiet li kienu kbar hafna ma kellhomx bieb.

Il-Perit Richard Aquilina xehed li huwa kien gie appuntat espert tal-Qorti mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghmel pjanta ta' post fi Triq ta' Ghar Lapsi, is-Siggiewi fejn jispicca l-bini.  Huwa ha l-verbali tax-xhieda u gabar kollox fir-relazzjoni tieghu lil Qorti.  Fil-kontro-ezami tieghu, ix-xhud qal li meta ghamel il-pjanta kien hemm prezenti d-derubat biss.  Il-pjanta li ghamel kienet biss tal-pozizzjoni biss u mhux fejn hemm diversi bibien jew fethiet ghal toroq differenti.  Huwa indika fuq il-pjanta t-triq principali u triq ohra tghaqqad go fiha.  Huwa ghamel il-pjanta tas-sit minn fejn insteraq il-musmar u mhux fejn kien instab.

PS 1392 Kevin Buhagiar ikkonferma li huwa kien gie appuntat SOCO mill-Magistrat Inkwirenti u l-inkarigu tieghu kien li jigbed ir-ritratti tax-xena, tal-kaz dwar allegat serq minn makkinarju li kien jinsab gewwa Triq Lapsi, Siggiewi nhar l-20 ta' Marzu 2015.  Huwa kkonferma r-ritratti li kien gibed huwa stess fejn insteraq il-makkinarju.

Fix-xhieda guramentata tieghu, Alan Azzopardi, imsejjah mid-Difiza, nforma lil din l-Onorabbli Qorti li ma riedx jixhed ghax ma riedx jinkrimina ruhu.  Huwa qal li kien inghata sentenza nhar is-6 ta' Novembru 2015 minn din l-Onorabbli Qorti ppresjeduta mill-Magistrat Dr Claire Zammit Stafrace.  Wiegeb li qatt ma kellu kuntatti mal-Imputat.

Xehed Henry Grogan li kkonferma li nhar il-25 ta' Novembru 2015 kien inghata sentenza minn din l-Onorabbli Qorti ppresjeduta mill-Magistrati Dr Consuelo Scerri Herrera.  Huwa qal li ma riedx jixhed ghax ma riedx jinkrimina ruhu.  Waqt il-kontro-ezami tieghu, huwa qal li l-Avukat Generali kien appella mis-sentenza.  Huwa kien qed jiskonta sentenza l-habs fuq is-sentenza.

Xehed Christian Borg li qal li l-Imputat kien huh.  Huwa kien gie muri kopja tal-istqarrija li kien ta lill-Pulizija Ezekuttiva[17] izda peress li ma kienx jaf jaqra inqratlu mid-Difensur tal-Imputat.  Ix-xhud ikkonferma t-twegibiet li kien ta lill-Ispettur Kylie Borg.  Ix-xhud qal li kien hemm ghad ta' rziezet u hemm zewgt ibnadi biex tidhol ghall-irziezet, minn zewg toroq.  Huwa qal li:  "… *Dan mhux dak in-nhar biss ghadni sa llum il-gurnata, f'illi nkun qieghed hemm hekk u f'illi nara karozzi ghaddejjin ghax jiena mhux ser noqghod kull darba x'hin nasal ir-razzett, ninzel minn go l-vann u naghlaq*

[17] A Fol. 124

*ix-xatba qisni qieghed gewwa*."[18] Huwa qal li fiz-zmien tal-kaz de quo x-xatba ma kinitx tissakkar "… *ma kien jissakkar imkien issa dan iz-zmien qed insakkar wahda fuq wara biss."*[19] Huwa qal li bibien ma kien hemm xejn izda "*Issa bieb wiehed minn naha ta' wara, il-bqija kullimkien miftuh.*[20]" Mill-kaz de quo gew installati camera tas-sigurtà. Ghall-mistoqsijiet in kontro-ezami x-xhud wiegeb li x-xatba meta gew il-Pulizija u telaq maghhom ix-xatba kienet minghajr katnazz izda kienet maqfula minn gewwa kemm wiehed jgholli l-firrolli. Huwa qal li minn barra xi hadd seta' jidhol kemm idahhal idejh u jtella' l-firrolli. Huwa ddeskriva x-xatba bhal gholja ghaxar filati bil-vireg u sitt pulzieri virga. Sa dak inhar li kien xehed kienet ghadha kemm inbidlet. Huwa kien jaf fejn instab il-musmar, jigifieri go garaxx tat-tiben gol-karti.[21] Mistoqsi kemm dan il-garaxx kien 'il boghod minn fejn hu u Anthony Axisa kienu meta kienu flimkien, wiegeb li kien hemm madwar mitejn metru (200m) u mitejn u hamsin metru (250m). Meta kien ikun hemm il-firroll, karozza setghet tghaddi min-naha l-ohra minn qalb l-irziezet. Jista' jghaddi kulhadd minn quddiem il-kamra tat-tiben fejn kien instab il-musmar. Hemm ghalfejn jghaddu minn quddiem il-kamra de quo peress li hemm it-tarmak u jintuza bhala triq. Wara l-kamra hemm tejqa ohra li minnha bdiewa ohra jistghu jghaddu biex imorru ghall-ghelieqi taghhom u ghandhom ic-cwievet taghhom tax-xatba.

IKKUNSIDRAT:

L-Imputat kien gie akkuzat quddiem din l-Onorabbli Qorti bir-reat ta' ricettazzjoni kontemplat mill-Artikolu 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skont gurisprudenza kostanti, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet "The Police (Inspector Martin Sammut, Inspector Carmelo Abdilla) vs Branko Markovich" deciza nhar it-12 ta' Frar 2007 identifikat l-elementi kollha mehtiega biex issir il-prova tar-reat tar-ricettazzjoni:

"According to the judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in the names Police v Filippa Fenech on the 8 th May 1937, it was stated that the following elements have to be proven for the existence of the crime as envisaged in article 334 of the Criminal Code that is receiving stolen property:

---

[18] A fol. 130
[19] Ibid
[20] Ibid
[21] A Fol. 131

1. primarily the goods received have their origin from the commission of a crime;

2. that the accused either received or bought the objects in question [although at times the receipt of the objects in question is enough];

3. that the accused knew that they had an illegitimate origin [however, the dolo can be deduced from the circumstances of the case in review]. The prosecution in its oral submissions made reference to the judgment delivered by the Court of Appeal on the 26th August 1998 in the names Police v Emanuel Seisun et, whereby the doctrine of recent possession was discussed. In fact, that Court held that the theory of unlawful possession of recently stolen goods is nothing more than the application of good judgment with regards to the particular circumstance of the case which would have been proved, in the sense that when certain facts are proven, then they may lead to the natural result that the person receiving those goods, knew of their illegitimate origin. In fact that Court made reference to what was said by the English author Archbold: "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jurors are satisfied in inferring that he was either the thief or was guilty of dishonesty handling the goods, knowingly or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but is has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handing was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief: a. if he offers no explanation to account for his possession or b. if the jurors are satisfied that the explanation he does offer, is untrue."

This same reasoning of that Court is also elaborated upon in the judgment delivered on the 1st November 1996 by the same Court in the names Police v Carmel Debono. According to the English authors Jack English and Richard Cole in their book Butterworth Police Law, under the heading 'Handling stolen goods' it was held that: "This knowledge or belief that the goods were stolen must exist at the time that the person committed the act of handling in question."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Brown"

"Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s-suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, per ezempju, il-kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali flewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."

Din il-Qorti sejra taghmel taghha dan l-insenjament. Ghalhekk, applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, ghal din il-Qorti m'huwiex kontestat li kienet saret is-serqa tal-martell mill-Excavator Cat-302-5 minn Triq Lapsi, Siggiewi bejn id-19 u l-20 ta' Marzu 2015. Dan il-fatt jissoddisfa l-ewwel criterju li "there has been the commission of an offence against property". Ghal dan ir-reat ta' serq kienu nstabu hatja iz-zewg persuni li kienu tharrku bhala xiehda tad-Difiza. Kopji awtentikati tas-sentenzi kienu gew ipprezentati waqt is-ssmiegh tal-kawza.

Izda, fil-fehma ta' din l-Onorabbli Qorti, wara ezami bir-reqqa tal-provi kollha, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova z-zewg kriterji l-ohra u mehtiega biex jigi ppruvat li l-Intimat ircieva oggett misruq u kien konsapevoli li l-oggett kien misruq. Fl-istqarrija tieghu a tempo vergine l-

Imputat cahad li kellu l-martell ("musmar") misruq. Il-Prosekuzzjoni strahet fuq dak li qalilha Nicholas Farrugia li kien qed isegwi lill-Intimat bil-vettura tieghu wara allegata telefonata li tal-ewwel kellu li implikat lill-Intimat fil-kaz tas-serqa. Minn dak li qalu x-xiehda tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza irrizulta car hafna li ghall-post fejn instab mohbi l-musmar kellhom access hafna niex peress li l-garaxxijiet kienu minghajr bibien u l-kumpless kellu hafna fethiet b'xatba li kienet tkun maghluqa biss b'firoll. L-oggett misruq seta' nheba minn kwalunkwe persuna barra l-Intimat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-inkjesta Magisterjali kienet inghalqet wisq malajr u setghet titkompla fuq is-sit fejn instab l-oggett misruq. Il-Prosekuzzjoni ma pprezentat ebda ritratti tal-musmar, ta' fejn instab u ma sar ebda stharrig forensiku li seta' jipprova li l-Intimat ircieva l-oggett misruq. Din il-Qorti ma sabet ebda prova dwar jekk l-Intimat kellux il-konsapevolezza li l-oggett kien misruq fil-mument li ircieva l-oggett.

IKKJUNSIDRAT:

Wara li wiznet il-provi kollha li ngiebu quddiemha, il-Qorti hija konvinta li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'dawn il-proceduri penali fir-rigward l-imputazzjoni imressqa kontra l-Imputat, u sejra tghaddi sabiex ma ssibx lill-Imputat hati taghha u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikoli 334 (a) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), issib lill-Imputat **Daniele Borg** mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarha.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**